# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 79/2010 MH**

**Illum, 6 ta' Diċembru, 2021**

**John Mary sive Jimmy Casha (K.I. 241457M)**

**vs**

**Jupiter Company Limited (C 6832) u Joseph Gauci (K.I. 329353M) u b'digriet tat-22 ta' Novembru 2013 ġew nominati Dr Mark Busuttil u l-P.L. Doreen Aquilina bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw il-wirt ta' Joseph Gauci**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tat-28 ta' Jannar 2010** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta tal-14 ta' Ġunju 2010**[1] permezz ta' liema ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet –

*Tesponi bir-rispett u Veronica Gauci [I.D. numru 312162M ], rappreżentanti tas-soċjeta Jupiter Company Limited, bil-ġurament tikkonferma:*

1. *Illi preliminarjament l-eċċipjenti tissottometti li l-intimat Joseph Gauci huwa llum defunt u għalhekk trid issir il-leġitimazzjoni tal-atti fil-konfront tal-eredi tal-imsemmi ntimat.*
2. *Illi preliminarjament ukoll l-eċċipjenti tissottometti li t-talbiet rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Ċivili [Kap. 16] tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti tissottometti wkoll in-nullita' tar-rikors ġuramentat stante li fih kawżali u talbiet alternattivi.*
4. *Illi fil-meritu l-eċċipjenti tissottometti li d-dgħajsa in kwistjoni kienet tal-kwalita' pattwita. Din id-dgħajsa nbiegħet "sold as shown", "sold as is", "second hand", "tale quale" u "used"; u kien hekk li fil-fatt ġiet ikkunsenjata lir-rikorrent.*
5. *Illi l-eċċipjenti jissottomettu li għalkemm huma ma kellhomx obbligu li jikkonsenjaw id-dgħajsa qabel isir il-ħlas kollu effettiv fuq l-istess, minkejja li kien fadal bilanċ dovut lis-soċjeta' eċċipjenti fl-ammont ta' €4620, liema ammont għadu dovut, l-eċċipjenti xorta waħda kkonsenjat id-dgħajsa lir-rikorrenti fit-30 ta' Lulju, 2008.*
6. *Illi m'huwiex minnu li l-eċċipjenti daħlu fi ftehim mar-rikorrenti dwar refurbishment u/jew tiswijiet fuq l-istess dgħajsa u lanqas ma kien hemm ftehim dwar iż-żamma tad-dgħajsa f'Lonzu Boat Yard.*
7. *Illi inoltre l-eċċipjenti m'għandhomx jinżammu responsabbli għal ħlas ta' spejjeż li r-rikorrenti għamel fid-dgħajsa proprjeta tiegħu, bħal GPS u ħlas ta' liċenzji, għal-liema spejjeż l-eċċipjenti m'humiex responsabbli u qatt ma ftehmu li jħallsu huma.*

[1] Fol 25 et seq

8. *Illi fl-aħħar lok, l-eċċipjenti tikkonferma li hija ma għamlet l-ebda ftehim li fih kien involut l-intimat Joseph Gauci f'ismu personali.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-kontro-talba ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti tal-14 ta' Ġunju 2010** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*Tesponi bir-rispett u Veronica Gauci in rapprezentanza tas-socjeta Jupiter Company Limited bil-gurament tikkonferma:*

*Illi fis-27 t'Awwissu, 2007, ir-rikorrent obbliga ruhu li jakkwista dghajsa numru ta' registrazzjoni S647 minghand is-socjeta esponenti ghall-valur ta' €25623.11 [Lm11,000], liema dghajsa kellha tithallas permezz ta' xoghol fi proprjeta tas-socjeta Troika Enterprises Limited [Dok. JU 1 sa JU 3].*

*Illi fit-30 ta' Lulju, 2008, is-socjeta esponenti kkonsenjat id-dghajsa kompluta lir-rikorrent u dan minkejja li kien fadal bilanc dovut fuq l-istess dghajsa [Dok. JU 4 sa 5].*

*Illi l-bilanc dovut fuq din id-dghajsa wara li jitnaqqas ix-xoghol ta' kostruzzjoni li sar fil-proprjeta tas-socjeta Troika Enterprises Limited, huwa ta' erbat elef sitt mija u ghoxrin Ewro (€4620), hekk kif jirrizulta mill-ftehim iffirmat fit-8 ta' Dicembru, 2008 [Dok. JU 5A].*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, is-socjeta esponenti titlob bir-rispett sabiex din l-Onor Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara li r-rikorrent huwa debitur tas-socjeta esponenti fl-ammont ta' erbat elef sitt mija u ghoxrin Ewro (€4620) rapprezentanti bilanc dovut fuq bejgh tad-dghajsa S647;*

*2. Tikkundanna lir-rikorrent ghall-hlas tal-ammont minnu dovut.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bl-interessi legali mid-data tal-konsenja tad-dghajsa, ossija mit-30 ta' Lulju, 2008, sad-data tal-hlas effettiv.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenzjonat tat-8 ta' Lulju 2010**[2] permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet –

XXXXX

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati għall-wirt tal-konvenut Joseph Gauci tat-12 ta' Diċembru 2013**[3] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*" 1. Illi l-esponenti mhumhiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriżervaw li jippreżenta risposta motivata kif u meta jiġu edotti mill-fatti.*

*2. Salv risposta ulterjuri."*

Rat il-provi tal-partijiet.

---

[2] Fol 43
[3] Fol 119

Rat **ir-rapport tal-espert tekniku nkarigat minnha l-Kaptan Joe Gabriele**[4] ai termini tad-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru 2013[5].

Rat **id-digriet tagħha tal-25 ta' Settembru 2018**[6] permezz ta' liema ċaħdet it-talba tal-attur sabiex l-espert tekniku jirrelata wkoll dwar il-magna tad-dgħajsa u fin-nuqqas jinħatar espert ieħor.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2021, id-difensuri tal-partijiet infurmawha li ma kinux ser jitrattaw iżda ser jistrieħu biss fuq in-noti.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li d-dgħajsa bin-numru ta' reġistrazzjoni S647 - li huwa xtara mingħand is-soċjeta' konvenuta bi tpartit ma' parti mill-ħlas dovut għal appalt mogħti lilu mill-konvenut l-ieħor Joseph Gauci għan-nom ta' soċjeta' terza - mhijiex tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet. Konsegwentement huwa qed jitlob it-tnaqqis tal-prezz oriġinarjament pattwit bejn il-kontendenti u r-rifużjoni ta' tali ammont. Inoltre huwa qed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €2328.10 bħala spejjeż li huwa allegatament għamel fuq id-dgħajsa u li suppost kellhom ikunu a kariku tal-konvenuti.

---

[4] Fol 160 et seq
[5] Fol 113
[6] Fol 314 et seq

Minn naħa l-oħra, oltre għal eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, l-konvenuti jirrespinġu l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Huma jsostnu li d-dgħajsa in kwistjoni nbiegħet *"sold as shown"*, *"sold as is", "second hand" "tale quale"* u *"used"* u hekk ġiet ikkonsenjata lill-attur. Barra minn hekk, għalkemm ma kellhomx obbligu li jikkonsenjawlu d-dgħajsa qabel ma effettivament isir il-ħlas kollu dovut fuqha, huma xorta kkonsenjawlu d-dgħajsa f'Lulju 2008. Huma ċaħdu wkoll li kien hemm xi ftehim ieħor mal-attur inkluż għat-tiswija/rinnovar tad-dgħajsa u għall-ħlas ta' spejjeż oħra fuqha.

Is-soċjeta' konvenuta pprevalixxiet ruħha mit-talbiet tal-attur u ppreżentat kontro-talba kontestwalment mar-risposta ġuramentata tagħha. Permezz tagħha hija talbet lill-Qorti tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat għall-ħlas tas-somma ta' €4,620 bħala bilanċ dovut fuq id-dgħajsa msemmija.

Minn naħa tiegħu l-attur rikonvenzjonat jirribatti fil-mertu li huwa m'għandu jagħti xejn lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u kwindi l-ammont pretiż fil-kontro-talba mhuwhiex dovut.

**A. PROVI**

Mill-atti jirriżulta li –

i. L-attur u l-konvenut Joseph Gauci kellhom konoxxenza ta' natura lavorattiva għal xi snin. Dan peress li l-attur huwa bennej filwaqt li l-konvenut kien involut fix-xogħol ta' kostruzzjoni u bejgħ ta' proprjeta'[7];

[7] Affidavit tal-attur a fol 94

ii. Fis-sena 2007 l-attur u Gauci għan-nom ta' Troika Enterprises Ltd laħqu ftehim li permezz tiegħu l-attur ingħata appalt mill-istess Gauci għall-bini ta' blokk ġdid t'appartamenti u garaxxijiet ġewwa s-Salini, limiti tan-Naxxar. Huma ffirmaw kuntratt datat 27 t'Awwissu 2007[8] li fost kundizzjonijiet oħra elenka l-modalita' tal-ħlas inkluż ħlas parzjali permezz tad-dgħajsa mertu tal-proċeduri odjerni. Il-klawsola relattiva tgħid hekk –

*"Mr Casha is to take as part payment a second hand fibreglass boat, sold as is, Registration Number S647, complete with two second hand outboards Nissan 140hp valued at LM11,000 (eleven thousand malta lira) All items second hand and sold as shown – Boat to be taken after it has been paid up in full. Money of boat to be deducted pro rata from building work being done on said plot that is at LM2700 per each APARTMENT (basement, maisonette, apartment, duplex) to total LM11,000. Marine items to be taken after they have been fully paid up."*

iii. F'dik l-istess data, l-attur u Gauci għan-nom tas-soċjeta' konvenuta Jupiter Co Ltd iffirmaw *memorandum of agreement* għall-komprovendita tad-dgħajsa u l-outboards in kwistjoni fejn reġa ġie speċifikat li *"all items second hand/sold as shown"*[9] u ftehim għall-akkwist tad-dgħajsa u l-*outboards* li tenna bil-miktub *"all as shown/second hand"*[10]

iv. Il-konsenja tad-dgħajsa saret fit-30 ta' Lulju 2008[11]. Dan minkejja li sa dak iż-żmien l-attur ma kienx għadu għamel xogħol biżżejjed li jkopri l-ħlas tad-dgħajsa.

[8] Fol 30
[9] Fol 31
[10] Fol 32
[11] Fol 33

Il-konsenja saret peress li l-attur kellu aktar xogħol ta' bini x'jagħmel[12]. Il-fattura tal-konsenja kienet tgħid hekk –

*"All items second hand and sold as shown in tale quale condition for the price of LM11,000 (Euro25,623). Payment as follows – on delivery the sum of LM6,000 (Euro13975) to be paid. Balance remaining euro 11648 (LM5000) To be paid as part exchange with building work at Salina (see separate agreement – separate receipt given for euro 13975."*

v. Id-dgħajsa ġiet reġistrata fuq l-attur fil-21 t'Awwissu 2008[13].

vi. Fit-8 ta' Diċembru 2008[14] u ċioe' circa ħames xhur wara li ġiet konsenjata lilu d-dgħajsa, l-attur iffirma ftehim ieħor mal-konvenut Joseph Gauci għan-nom ta' Troika Ltd permezz ta' liema qablu dwar it-tkomplija/irranġar tax-xogħlijiet fil-blokka appartamenti tas-Salini. Qablu wkoll li fi żmien erba' ġimgħat l-attur kellu jibda x-xogħlijiet fuq l-appartament fir-raba' sular u l-penthouse ġewwa Buġibba. Huma qablu wkoll li *"payment to be partially/fully effected by balance of €4620 still due on boat S647.*"

vii. L-attur xehed[15] li meta hu u l-konvenut Gauci kienu ftehmu dwar id-dgħajsa, Gauci fil-preżenza ta' Jesmond Tonna u Renald Casha kien qallu li ser jagħtihielu qisha ġdida u li kienet ser tkun f'kundizzjoni eċċellenti. Qallu wkoll li tagħha ried li titnaqqas is-somma ta' €25,624 mill-ammont dovut għax-xogħol ta' kostruzzjoni miftiehem. L-attur jgħid ukoll li Gauci kien qallu li qabel itih id-dgħajsa kien jeħtieġ li jagħmel fuqha xogħol ta' tiġdid billi kellha bżonn dawra

[12] Affidavit ta' Veronica Gauci a fol 135
[13] Fol 34
[14] Fol 35
[15] Fol 94 et seq u fol 122 et seq

sew. Dan kien jinkludi xogħol fil-qoxra, l-intern, il-magni, l-arloġġi, s-seals u tibdil t'apparat ieħor li ma kienx qed jaħdem sew. Għalkemm Gauci kien wegħdu li ser itih id-dgħajsa biex igawdiha fis-sajf tal-2008, id-dgħajsa baqgħet ma waslitx għax skont Gauci kien għadu qed jirranġaha. Eventwalment, Gauci vara d-dgħajsa mingħajr ma nfurmah u meta staqsieh fhiex waslet kien qallu li qegħda l-baħar u seta jippruvaha. Meta f'Awwissu 2008 id-dgħajsa ġiet pruvata minn ibnu Renald Casha, Jesmond Tonna u Victor Spiteri, li kienu mibgħuta mill-attur għax hu ma setax, dawn qalulu li d-dgħajsa waqfet wara ftit metri. L-attur ċempel lil Gauci li minn naħa tiegħu qallu li se jtellagħha u jirranġa l-magna u l-kumplament tal-affarijiet kif ftehmu.

L-attur kompla jgħid li Gauci tella' d-dgħajsa mill-baħar u peress li l-fabbrika tiegħu kienet ser tibda titwaqqa' kienu ħaduha flimkien għand Lonzu *Boat Yard* sakemm isirulha t-tiswijiet neċessarji. L-attur qal li l-ftehim ma' Gauci kien li dan ta' l-aħħar kellu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż biex id-dgħajsa tinżamm fil-*yard* imsemmija.

Għalkemm il-konvenut kien serraħlu rasu kemm il-darba li ser itih id-dgħajsa daqs waħda ġdida, u li kien ser ilestilu x-xogħlijiet fuqha sa Mejju 2009, dan baqa' ma sarx. L-attur elenka lista ta' xogħlijiet li huwa qal kien għad jonqos li jsiru fuq id-dgħajsa nkluż il-mili tal-*fibreglass* bil-*jelly coat,* il-bdil ta' ħafna mill-arloġġi u l-metres, il-bdil tal-injam ta' taħt id-deck għax mherri, it-twaħħil ta' tank tal-petrol ġdid eċċ. Inoltre l-attur jgħid li hu għamel ukoll diversi spejjeż fuq id-dgħajsa inkluż l-ispejjeż biex id-dgħajsa nżammet fil-boat yard imsemmija. Gauci baqa' qatt ma rranġa xejn fuq id-dgħajsa.

viii. Renald Casha, Jesmond Tonna u Victor Spiteri, ilkoll imressqa mill-attur, bejniethom xehdu[16] fost oħrajn dwar l-episodju meta flimkien mal-konvenut

[16] Affidavits a fol 98 et seq, a fol 126 et seq, a fol 138 et seq u a fol 140 et seq

Gauci kienu marru biex tinstaq id-dgħajsa iżda wara ftit waqaf wieħed miż-żewġ muturi. Eventwalment waqaf ukoll it-tieni mutur. Huma kienu nnutaw ukoll li ħafna affarijiet fuq id-dgħajsa ma kinux ġew imsewwija u Gauci kien qal li ser jirranġahom. F'okkażjoni oħra ftit wara, meta sar tentattiv ieħor biex tinstaq id-dgħajsa għax l-attur ma kienx disponibbli, kif inxtegħlet il-magna u ħarġu biċċa żgħira waqfu għal kollox. Il-konvenut Gauci mar jumejn wara biex jerġa jipprova jsewwi l-magna imma għalxejn u għalhekk id-dgħajsa ttellgħet mill-baħar u ttieħdet għand Lonzu Boat Yard ġewwa Burmarrad. Renald Casha żied jgħid li ġieli niżel hemm biex jara l-progress fuq ix-xogħlijiet li Gauci kien jgħidilhom li qed isiru imma dan ma kienx minnu, anzi effettivament qatt ma ġiet imsewwija.

ix. Minn naħa tagħha Veronica Gauci xehdet li[17] għalkemm in-negozju tat-tpartit imsemmi ma sarx fil-preżenza tagħha, hija ppreparat id-dokumenti meħtieġa għall-iffirmar. Hija kkonfermat li kienet rat id-dgħajsa in kwistjoni u kienet dgħajsa second hand li f'dik l-epoka kienet qed tinżamm fil-bitħa tas-showroom tal-kumpanija konvenuta. Hi kkonfermat li d-dgħajsa ma kinitx ġdida u li nbiegħet tale quale skont ma jindikaw id-dokumenti ffirmati. Wara li ġiet akkwistata mill-attur id-dgħajsa ttieħdet mill-yard tas-soċjeta' konvenuta għal fuq il-baga tagħha li tinsab f'San Pawl il-Baħar. Hija proċedura tagħhom li l-ewwel darba d-dgħajsa titniżżel il-baħar minnhom u mhux mill-klijent. Huma joffru servizz lill-klijent li jniżżlu u jtellgħu id-dgħajsa darba. Hija saħqet li fid-diversi okkażjonijiet li mar is-showroom, f'ebda ħin l-attur ma lmenta magħha dwar l-istat tad-dgħajsa konsenjata lilu. Speċifikat ukoll li s-soċjeta' konvenuta ma żżommx dgħajjes li jappartjenu lil ħaddieħor u lanqas tagħmel tiswijiet fuq xi dgħajjes. Bil-għan li forsi tinstab soluzzjoni amikevoli għall-vertenza odjerna hija kienet ipproponiet lill-attur sabiex jiltaqgħu u marru fil-boatyard fejn kienet storjata d-dgħajsa mill-attur u bdiet tieħu xi notamenti ta' affarijiet żgħar li kienu

[17] Affidavit a fol 135 et seq, xhieda viva voce a fol 110 et seq u fol 286 et seq

neqsin bħal viti jew xi fittings neqsin, liema affarijiet hija kienet lesta li tilħaq arranġament dwarhom ħalli ma joqogħdux telgħin u neżlin il-Qorti. Madankollu l-attur beda jinsisti li huwa d-dgħajsa ġdida ried u hi weġbitu li dan ma kienx possibbli għax hu d-dgħajsa xtraha *second hand* u *tale quale*.

x. Xehdu Anthony Camilleri[18] u Andy Camilleri[19] ex-operatur (illum irtirat) u operatur attwali rispettivament tan-negozju ta' Lonzu Boatyard ġewwa Burmarrad. Bejniethom huma xehdu li d-dgħajsa kienet ittieħdet fil-yard għall-i*storage* mill-konvenut Joseph Gauci u l-attur. Storage fees ta' €500 fis-sena pero' dejjem tħallsu mill-attur. Id-dgħajsa ilha fil-yard mit-3 ta' Settembru 2008 u tinżamm barra. Peress li hi qegħda hemm għal storage ma jingħata l-ebda servizz fuqha u huwa s-sid tad-dgħajsa li jrid jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Ġie kkonfermat pero' li kien hemm drabi li huma neħħew ilma minn fuq id-deck tad-dgħajsa wara li tkun għamlet ix-xita. Qatt ma ngħataw l-ebda ordni biex jagħtu xi servizz ieħor barra l-ħażna tad-dgħajsa. Fil-yard hemm ukoll maħżen mgħotti pero' l-attur qatt ma talab li d-dgħajsa tiddaħħal ġewwa għalkemm il-maħżen dejjem ikun mimli u hu diffiċli ħafna li jinstab spazju vojt. Hu dmir tas-sid li jiehu ħsieb jgħatti d-dgħajsa. Ħadd qatt ma għamel xogħolijiet fuqha kemm ilha fil-yard tagħhom.

xi. Fir-relazzjoni dettaljata tiegħu l-espert inkarigat mill-Qorti, il-Kaptan Joe Gabriele, kkonkluda[20] li fil-mument tal-ispezzjoni li huwa għamel fuq id-dgħajsa f'Diċembru 2013, hija kellha numru ta' difetti. Uħud kienu eżistenti qabel l-2008 u oħrajn seħħew b'riżultat ta' deterjorament wara l-2008. Huwa kien tal-opinjoni li l-valur tad-difetti li kienu preżenti fl-2008 kienu jammontaw għal €845.

[18] Fol 148
[19] Fol 156 et seq
[20] Rapport a fol 160 et seq

L-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[21] **-**

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-*

[21] Rik 988/08

*opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("***Grima vs Mamo et noe***" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "***Cauchi vs Mercieca***" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "***Saliba vs Farrugia***" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et***" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud***" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `***Attard vs Tedesco et***` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "***Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et***" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et***" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Dan kollu jfisser li għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex kapriċċożament tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta minnha biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li fil-każ odjern ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert tekniku inkarigat minnha l-Kaptan Joe Gabriele fir-relazzjoni tiegħu li jirriżultawlha bħala li mhumhiex korretti, ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta u tagħmel tagħha tali konklużjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Fl-isfond ta' din is-sinteżi tal-provi l-Qorti sejra l-ewwel tqis **l-azzjoni prinċipali tal-attur.**

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari tas-soċjeta' konvenuta</u>**

Dwar **l-ewwel eċċezzjoni**, in vista tal-fatt li saret id-debita leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt tal-konvenut Joseph Gauci, din hija allura sorvolata.

**It-tieni eċċezzjoni** tirrigwarda l-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-**artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk -

*"1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

*(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjonima jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxefdak id-difett.*

*(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxukif jingħad fl-artikolu 1407(2)."*

Fl-ewwel lok, kif ingħad fil-każ **Stencil Pave (Malta) Limited Vs Kunsill Lokali Naxxar deċiż 30 t'Ottubru 2003 -**

*"Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni . Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq;"*

Mid-diċitura ta' l-artiklu 1431 huwa ċar li dan japplika għall-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja u ċioe azzjonijiet marbuta mal-garanzija tal-bejjiegħ għal difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa ai termini tal-artikolu 1424 u 1426 tal-Kap 16.

Ebda wieħed minn dawn iż-żewġ artikoli ma jifforma l-bażi tal-azzjoni attriċi.

Infatti fil-każ tal-lum, l-assjem tal-premessi u t-talbiet fir-rikors ġuramentat juru li l-attur qiegħed jibbaża l-ewwel erba' talbiet tiegħu fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1390 tal-Att imsemmi u ċioe' li d-dgħajsa in kwistjoni mhijiex tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet u konsegwentement qed jitlob it-tnaqqis tal-prezz oriġinarjament pattwit fuq stima ta' perit.

A skans ta' kull ekwiviku, kawża bażata fuq l-artikolu 1390 tal-Kap 16 hija separata u disinta minn azzjoni mibnija fuq il-ksur tal-garanzija fir-rigward ta' difetti latenti ai termini tal-artikoli 1424 u 1426 surreferiti. Kif tajjeb qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Reuben Briffa et vs Joseph Mallia et deċiż fit-28 ta' Frar 2002** –

" *din il-Qorti tħoss li fil-każ in eżami ma jistax ikun ġudizzjarjament korrett li l-atturi jibbażaw l-azzjoni tagħhom fl-istess ħin kemm fuq l-artikolu 1424 u wkoll fuq l-artikolu 1390 tal-Kap 16 u dan stante li l-istesss azzjonijiet jittrattaw żewġ tipi ta' azzjonijiet ben differenti u distinti minn xulxin, u liema azzjonijiet ma humiex konfondibbli.*

*Illi fil-fatt l-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria tagħti garanzija lix-xerrej għal difett latenti jew moħbi eżistenti fil-mument tal-bejgħ fl-oġġett mertu tal-bejgħ u xiri, mentri min-naħa l-oħra l-azzjoni abbażi tal-**artikolu 1390** titratta dwar il-fatt li l-oġġett mertu tal-bejgħ ma jkunx skond kif miftiehem jew pattwit, li ovvjament ma jimportax u ma jfissirx li tali oġġett ikun fih xi difett."*

Imbagħad il-ħames talba attriċi fil-każ odjern hija ppernjata fuq l-artikolu 1127 tal-Kap 16 permezz ta' liema l-attur qiegħed jitlob il-ħlas mingħand is-soċjeta' konvenuta għal spejjeż minnu magħmula fir-rigward tad-dgħajsa, liema spejjeż huwa jsostni kienu obbligu tagħha li twettaq.

**Għaldaqstant l-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwhiex applikabbli għall-każ tal-lum.**

Għal kull buon fini jiġi nnutat li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu l-attur jittanta jressaq argumenti marbuta mal-garanzija kontra d-difetti moħbija tal-bejjiegħ. Madankollu, din il-Qorti hija marbuta li titratta u tiddeċiedi l-kawża ai termini tal-kawżali u t-talbiet kif oriġinarjament magħmula fir-rikors promotur u mhux a bażi ta' sottomissjonijiet ġeneriċi fit-tmiem tal-kawża.

Kif ingħad fil-każ **Health Services Group Ltd vs Id-Direttur tal-Kuntratti et deċiż fit-28 t'April 2017**[22] -

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawża* ***Micallef v. Mizzi****, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:*

*"Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni….ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita".*

Kwindi l-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni tal-argumenti mressqa mill-attur fir-rigward ta' allegati difetti latenti fid-dgħajsa mertu tal-proċeduri odjerni.

[22] Rik 381/11

**Fid-dawl tas-suespost it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta ser tiġi miċħuda.**

**It-tielet eċċezzjoni** tas-soċjeta' konvenuta hija marbuta mal-allegata nullita' tar-rikors ġurametat stante li fih kawżali u talbiet alternattivi.

Fost il-ġurisprudenza in materja, ingħad hekk fil-każ **FIMBank p.l.c. (C-17003) vs Food World Limited (C-51148) et deċiż fid-29 ta' Mejju 2019 -**

*"Dwar l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni, illum rikors ġuramentat, dawn il-Qrati żviluppaw ġurisprudenza konsiderevoli.*

*Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru 1991 fil-kawża fl-ismijiet* ***Guido J. Vella A & CE vs Dr Emanuel Cefai****, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

*"Meta f'ċitazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 156(1)(a), għax ma jkunx fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' "tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort"oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. F'dawn il-każijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jist' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jist' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi: in-nullità ta' l-att ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid*

*li tiġi imposta biss meta n- nuqqas formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. Kull fejn hemm nuqqasijiet proċedurali li mhumiex ta' natura radikali u serja l-Qorti għandha setgħa skond l-artikolu 173 Kapitolu 12 li, in camera, tagħti ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa biex tassikura li dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura jiġi mħares kif imiss."*

*Fil-każ ta'* **Philip Tabone noe vs Concrete Mix Limited**, *tat-28 ta' Lulju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:*

*"Il-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakoltà li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta` min iharrikha.*

*Dwar l-element ta` kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha;*

*Ingħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b`ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' Ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;*

*Hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut;*

*In-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mi-ttermini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed -il quddiem fil-kawża, u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa ad validitatem biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-ċitazzjoni, għalkemm jista' jitfa dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet."*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Capua Palace Limited vs Boris Arcidiacono, tal-31 ta' Jannar 2003****, ġie ritenut li:*

*"Fejn hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b`ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur. Hu neċessarju li jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġjonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut."*

*F'dan l-istess każ, kompla jingħad hekk:*

*"… jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista` tiġi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eċċezzjonijiet …*

*Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-każ ta'* ***Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et****, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Settembru 2001 fejn kien intqal li:*

*"Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha.*

*Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet." (Ara wkoll "Falzon vs Spiteri et" P.A. deċiża fl-24 ta` Ġunju 1961 (Kollez. Vol: XLVIII.ii).*

*Illi kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Kummerċ fil-każ* ***Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine*** *deċiż fl-14 ta' Diċembru 1989:*

*"Illi biex ċitazzjoni tkun nulla, skont l-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, in-nullità trid tkun iddikjarata mil-liġi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tal-provi meħtieġa mil-liġi, nuqqas ta' xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament."*

*Hekk f'dan l-istess każ, ingħad li "jekk ikun hemm talbiet irrikonċiljabbli, per eżempju talba għal azzjoni ta' spoll abbinata fl-istess każ ma' azzjoni rei*

*vindicatoria, fejn hu ben saput li fl-azzjoni ta' spoll huma inammissibli provi fil-petitorju, hemm sitwazzjoni ta' "talbiet irrikonċiljabbli."*

*Il-kwistjoni sollevata mill-atturi fil-każ in eżami tikkonċerna t-talbiet kunfliġġjenti u rrikonċiljabbli fit-talba rikonvenzjonali.*

*... Illi fit-tema ta' talbiet diversi ġie ritenut li mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta` April 1998 fl-ismijiet* **Frendo Randon noe vs Salomone***:*

*"... meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta" l-azzjoni odjerna dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur.*

*Dan juri ċar li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' oħra.*

*Bħal li kieku dawn iwasslu għal rimedju wieħed meta dan hux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti waħda mill-oħra.*

*Isegwi għalhekk li mhux leċitu li tgħaqqad azzjoni ma' oħra... Meta l-pożizzjoni hija tali jirriżulta kjarament illi l-proċedura tal-attur kienet waħda irrita u nulla."*

*Illi fil-każ in eżami, mill-mod kif inhi redatta l-Kontro-Talba, jidher li t-talbiet kif proposti huma konfliġġenti u, saħansitra, jista' anke jiġi ritenut li talba bbażata fuq obbligazzjoni fiduċjarja jew constructive notice tinnewtralizza t-talba ibbażata fuq l-preskrizzjoni akkwiżittiva. Inoltre dan hu in vjolazzjoni tal-prinċipju kardinali electam una via non datum recursus ad alter am għaliex huwa*

*bbażat fuq żewġ azzjonijiet separati u distinti minn xulxin li qed jigu proposti f'kawża waħda u ċioè kawża ibbażata fuq preskrizzjoni akkwiżittiva u kawża ibbażata fuq jeddijiet naxxenti minn relazzjoni fiduċjarja.*

*Illi bħala prinċipju hu magħruf li domandi jistgħu jiġu kumulati biex jiġu evitati ġudizzji iżjed milli hemm bżonn, però dejjem kompatibbilment mal-eżiġenzi tal-każ u meta dana l-kumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti għaliex ikun hemm diġa l-konnessjoni bejn ir-rapporti interċedenti bejn il-partijiet. Dawn iż-żewġ azzjonijiet, minnkejja dak suġġerit fit-trattazzjoni, jinvolvu eżami u provi distinti għalkemm irriżultat pretiż, t-titlu tal-proprjetà ikkontestata, hija waħda."*

*Proprju dwar il-kumulu ta' azzjonijiet, fil-każ ta'* ***Joseph F. Spiteri pro et noe vs Salvatore Guillaumier pro et noe*** *tal-25 ta' Frar 1964, il-Qorti tal-Kummerċ kienet qalet hekk:*

*"Hu magħruf li domandi jistgħu jiġu kumulati biex jiġu evitati ġudizzji iżjed milli hemm bżonn pero dejjem kompatibilment mal-eżiġenzi tal-każ u meta dana l-kumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti għaliex ikun hemm dika l-konnessjoni bejn ir-rapporti interċedenti bejn l-attur u d-diversi konvenuti, derivanti mill-istess titolu u mill-istess oġġett tal-kontestazzjoni, li jissuġġerixxu t-trattazzjoni unika u kwindi ġudizzju uniku; diversament iridu jsiru tant ġudizzji kemm ikunu konvenuti u t-trattazzjoni ssir separata. Konferma ta' dan il-prinċipju tinsab fir-regoli li jinformaw l-istitut tal-kjamata in kawża, ċioè l-integrità tal-ġudizzju u l-eliminazzjoni tal-molteplicita tal-ġudizzju fuq l-istess ħaġa. Fil-każ preżenti si tratta ta' żewġ krediti ta' l-attur kontra żewġ konvenuti differenti u għal raġunijiet differenti u kwindi bl-ebda mod konnessi ma' xulxin u kwindi kellhom jiffomaw oġġett ta' azzjonijiet separati."*

*Finalment, fis-sentenza li tat fid-29 ta' Ottubru 1999 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mary Bezzina et vs Joseph Vella et****, il-Qorti tal-Appell għamlet tliet kondizzjonijiet sabiex jiġi permess il-kumulu tal-azzjonijiet:-*

*1. Illi l-proċedura tkun utili għall-ekonomija tal-ġudizzju;*

*2. Illi l-persuni kollha interessati jkunu partijiet, taħt vesti jew oħra, fil-ġudizzju;*

*3. Illi ma jkun hemm l-ebda preġudizzju għall-konvenut."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hija tal-fehma li ma jikkonkorrux l-estremi surreferiti sabiex l-azzjoni attriċi tiġi ddikjarata nulla.

Ir-rikors ġuramentat huwa mfassal b'tali mod li l-konvenuti setgħu jifhmu l-portata tat-talbiet imressqa u kellhom l-opportunita' li jwieġbu għall-istess talbiet imressqa. B'hekk mhux il-każ li l-konvenuti ġew preġudikati bil-mod kif ġiet intavolata l-kawża. Hemm ukoll konnessjoni bejn il-kontendenti fil-kawża fir-rigward tal-istess mertu, li jirrigwarda d-dgħajsa S647. Huwa legalment aċċettabbli għalhekk li, għall-ekonomija tal-ġudizzju, l-attur ġabar f'kawża waħda żewġ pretensjonijiet li mhumhiex inkompatibbli ma' xulxin u t-tnejn marbuta mad-dgħajsa in kwistjoni u ċioe' t-tnaqqis tal-prezz oriġinarjament pattwit u r-rifużjoni ta' spejjeż fil-frattemp inkorsi mill-attur fuqha.

**It-tielet eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.**

## <u>Mertu</u>

**Fl-ewwel erba' talbiet tal-attur** huwa qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li d-dgħajsa mertu tal-proċeduri mhijiex tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet u għalhekk għandu jitnaqqas il-prezz oriġinarjament miftiehem bejniethom skont kif

determinat minn espert tal-Qorti, liema differenza fil-prezz għandha tiġi rifuża lilu mill-konvenuti jew min minnhom.

Kif ingħad, il-bażi ta' dawn it-talbiet huwa **l-artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid hekk -

*"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Dr. Louis de Gabriele noe vs Arcidiacono Mfg. Co. Ltd deċiż fil-11 ta' Jannar, 2006 -**

*"(1) Il-mankanza tal-kwalita` tirrientra fid-dixxiplina ordinarja ta' inadempiment kontrattwali u għalhekk hi konċessa kemm b'azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt kif ukoll b'difiża. Ara Kollez. Vol. XXX P I p 751;*

*(2) It-terminu għall-proponiment ta' azzjoni bħal din, jew biex tiġi eżerċitata l-eċċezzjoni, hu dak ta' sentejn [Artikolu 1407 (1), Kapitolu 16]. Jidher li hu paċifiku illi dan it-terminu "piu` di una prescrizione costituisce una decadenza o una perenzione" (Kollez. Vol. XXIV P II p 629);*

*(3) Din l-azzjoni jew eċċezzjoni ma humiex sostenuti jekk ix-xerrej, koxjenti mill-fatt illi l-oġġett mhux tal-kwalita` pattwita, jżomm l-istess jew jiddisponi minnu, anke in parte. "Il rifiuto della mercia non è piu` possibile quando ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte" (Kollez. Vol. XXI P III p 49). Ara wkoll Kollez. Vol. XXXII P I p 163;*

*(.......)*

*Innegabilment, il-mankanza tal-kwalita` u l-presenza tal-vizzji fil-ħaġa komprata huma żewġ fattispeci li kemm id-duttrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza minn dejjem żammew distinti. Hekk ingħad fid-deċiżjoni riportata a Vol. XXXI P I p 647 illi "meta l-kwistjoni tkun qiegħda taġġira ruħha fuq il-kwalita` tal-ħaġa mibjugħa, il-vizzju redibitorju u t-teorija relativa mhumiex applikabbli, preċiżament għaliex f' dawn il-każijiet l-eżami għandu jaġġira ruħu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li għandu jagħti l-ħaġa skond il-kwalita` miftehma u f' kundizzjoni li kienet waqt il-bejgħ, u preżumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-każ tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwistjoni fuq il-kwalita` tal-ħaġa, iżda x-xerrej jippretendi li l-oġġett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, iżda għandu ġo fih vizzji okkulti li jirrendih għalih inutili" (pagna 651). Forsi l-unika ħaġa li xxebbaħhom flimkien jikkonsisti fil-fatt illi fiż-żewġ ipotesijiet huwa konċess ir-rimedju tar-riduzzjoni fil-prezz (Artikoli 1390 u 1427, Kodiċi Ċivili);*

*Fil-prattika, hemm il-mankanza tal-kwalita` meta l-ħaġa mibjugħa minn natura tagħha, jew mill-elementi li jikkomponuha, jew minħabba l-karatteristiċi strutturali tagħha, tappartjeni għal tip divers minn dak ikkuntrattat jew mhux konformi għall-kampjun. Invece, il-vizzju jew difett fil-ħaġa jikkonsisti minn ċerti mperfezzjonijiet inerenti għall-proċess tal-produzzjoni jew fabbrikazzjoni tal-ħaġa."*

Imbagħad fil-każ **PTK Limited vs Alfred Zarifa et deċiż fil-25 ta' Marzu 2021** il-Qorti qalet hekk -

*"Fid-dispost tal-artikolu 1390 il-liġi speċifikat b'preċiżjoni kif kellu jaġixxi l-kompratur li ma kienx sodisfatt bl-oġġett li l-venditur ipprova jikkonsenjalu. Il-liġi tagħti direttivi preċiżi x'kellu jagħmel il-kompratur biex jeħles mir-rabta kontrattwali li kien daħal fiha li jakkwista l-oġġett mingħand il-venditur una volta dak l-oġġett ma jkunx skont tal-kwalita' mwiegħda jew ma jkunx skont il-kampjun. Id-difiża primarja tal-kompratur kienet li jirrifjuta l-oġġett materjalment billi jiddepożitah taħt l-awtorita' tal-Qorti. Jista' wkoll jagħżel li jaċċettah u jħallas għalih prezz anqas. Din kienet difiża li l-kompratur seta' javanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex iħallas il-prezz ta' l-oġġett in vendita. Mill-banda 'l oħra jekk il-kompratur jagħżel li jżomm l-oġġett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreaġixxi skont kif trid il-liġi għall-fatt li dak l-oġġett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalita' pattwita, il-kompratur ikun qiegħed jippreġudika irrimedjabilment il-posizzjoni tiegħu. Fi kliem ieħor, il-kompratur ma għandux dritt iżomm l-oġġett konsenjat lilu u ma jħallasx il-prezz miftiehem sakemm dak l-istess oġġett ma jiġix sostitwit b'ieħor tal-kwalita' pattwita jew skont il-kampjun (**Dalli vs Patiniott** fuq ċitata).*

*L-Artikolu 1390 jirrigwarda partikolarment il-mument tal-konsenja tal-ħaġa, u ċioe meta x-xerrej josserva illi l-ħaġa li qed tiġi konsenjata lilu mhix tal-kwalita' mwegħda."*

Fl-isfond tal-prinċipji ġurisprudenzjali surreferiti l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-mertu tal-każ odjern:

Fl-ewwel lok, mill-provi mressqa huwa ċar li l-partijiet ressqu evidenza pjuttost kontrastanti ta' dak li ftehmu dwaru fir-rigward tad-dgħajsa. Dan il-fatt waħdu pero' m'għandux ikun ta' xkiel biex il-Qorti tasal għal konklużjonijiet tagħha fil-każ odjern.

Kif ingħad fil-kaz **Pickless Limited (C-11535) vs Saviour Farrugia et**[23] deċiż fl-20 ta' Jannar 2016 -

*"Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiemha, u ċioe':*

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur."*

Fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**[24] deċiż fis-26 ta' Settembru 2013 intqal hekk -

*"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;"*

[23] Rik Nru 445/2007 Prim Awla tal-Qorti Ċivili
[24] Ċit Nru 2590/99 Prim Awla tal-Qorti Ċivili

L-attur jibni t-teżi tiegħu fuq l-allegazzjoni li s-soċjeta' konvenuta kienet obbligat ruħha li tikkonsenja d-dgħajsa in kwistjoni f'kundizzjoni daqs li kieku kienet ġdida u dan wara li tagħmel xogħol ta' rinnovar fuq id-dgħajsa fir-rigward tal-qoxra, l-intern il-magni u l-apparat kollu neċessarju biex tkun tista' tbaħħar.

Skont l-attur, kienu dawn ix-xogħlijiet fuq id-dgħajsa li baqgħu ma sarux minkejja l-ftehim li allegatament kien hemm bejn il-partijiet[25] –

*"i. Il-fibreglass tad-dgħajsa għandu jimtela bil-jelly coat għax l-istat tal-imsemmi fibre jirrendi lid-dgħajsa mhux tajba għall-baħar;*

*ii. Ħafna mill-arloġġi u l-metres ma jaħdmux u jridu jinbidlu;*

*iii. Il-lakstu tat-twieqi u l-aperturi jinħtieġ li jinbidel biex it-twieqi u l-aperturi jkunu 'waterproof';*

*iv. L-injam jonqsu jiġi xkatlat u jingħata l-verniċ;*

*v. Id-dgħajsa għandha ħafna chrome li hemm nieqes, imkisser jew imsaddad u dan konna ftehmna li għandu jinbidel;*

*vi. Il-muturi ma jaħdmux tajjeb u l-pompa ta' ma' kull mutur ma' taħdimx;*

*vii. L-injam ta' taħt id-deck mherri u kellu jinbidel;*

*viii. Ħafna mid-dawl u l-fixtures ma jaħdmux u konna ftehmna li dawn jiġu jixgħelu kollha kif suppost u ma jkunx hemm twaħħil bl-addoċċ bis-sealer;*

*ix. Il-GPS kellu jkun bil-mapep u jrid jinbidel (Kont ftehmt ma' Joseph Gauci li jekk il-GPS il-ġdid ikun jiswa aktar minn Lm250 d-differenza kont ser noħroġha jien);*

---

[25] Fol 96

*x. Id-dgħajsa tinsab bla tank tal-petrol u jiena u Gauci konna ftehmna li jitwaħħal tank tal-petrol ġdid."*

Madankollu mkien mill-provi mressqa ma jirriżulta li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet jew min minnhom li x-xogħlijiet appena elenkati kienu nklużi fil-kwalita' u l-prezz miftiehem dwar id-dgħajsa.

Invece, l-provi dokumentarji mressqa juru li l-ftehim kollha ffirmati mill-attur fis-27 t'Awwissu 2007 ma jagħmlu ebda referenza għal qbil dwar xi xogħlijiet li bihom intrabtu l-konvenuti jew min minnhom bħala nklużi fil-ftehim ta' bejgħ innifsu. Anzi d-diċitura hija ċara fis-sens li d-dgħajsa u l-aċċessorji ta' magħha kienu ser jiġu trasferiti[26] *"second hand" "sold as is", "two second hand outboards", "all items second hand and sold as shown", "all items are second hand and sold as shown in tale quale[27] condition."*

Issa meta wieħed jara l-lista ta' affarijiet li skont l-attur, minħabba li ma sarux, irrendew id-dgħajsa mhux tal-kwalita' pattwita, jidher ċar li dawn huma oġġetti viżibbli għall-għajn u għalhekk l-attur huwa tenut li kien jaf bihom jew kien f'qagħda li jarahom u jkun jaf bihom qabel ma ffirma l-ftehim tal-akkwist tad-dgħajsa mas-soċjeta' konvenuta. Infatti Jesmond Tonna, li kien mar ma' l-attur fis-showroom tas-soċjeta' konvenuta biex jara d-dgħajsa qabel inxtrat xehed li *"din id-dgħajsa ma kinitx f'kundizzjoni tajba[28]"*. Jekk pero' nonostante l-istat li

---

[26] Fol 30 et seq

[27] Għal kull buon fini, kif ingħad fil-każ suċċitat **Reuben Briffa et vs Joseph Mallia et** "għalkemm huwa ormai paċifiku li tali frażi (tale quale) ma tistax tiġi kkunsidrata *a priori* bħala li teżonera lill-vendituri mill-garanzija ta' difett latent", il-każa odjerna mhijiex bażata fuq tali kawżali kif ingħad supra.

[28] Fol 103"

kienet fih id-dgħajsa fil-mument tal-akkwist u nonostante kwalunkwe allegat diskors/wegħdi dwar tiswijiet, rinnovar eċċ, fit-trattativi u negozjar li sar qabel il-bejgħ, finalment l-attur xorta volontarjament għażel li jipproċedi bl-iffirmar tal-ftehim bit-termini u l-kundizzjonijiet kif appena ċitati allura mhemmx x'wieħed iżid. Għaldaqstant huwa meqjus li f'dak il-mument tal-iffirmar kienet dik il-kwalita' tad-dgħajsa *"second hand", "tale quale" u "sold as is"* eċċ li l-attur aċċetta li jixtri. Mingħajr tiswijiet/rinnovar inkluż. Sic et simplicitur xejn aktar u xejn anqas.

B'żieda ma' dan il-Qorti tinnota li anke meta ġiet varata d-dgħajsa fil-baħar sena wara f'Awwissu 2008, minkejja li skont ma qalu x-xhieda mressqa mill-attur *"ma kienu saru l-ebda tiswiijiet fuqha*[29]*"* l-attur mhux talli aċċetta u żamm id-dgħajsa talli aċċetta wkoll li din tiġi reġistrata fuqu, kif fil-fatt sar, u dam madwar sena u nofs biex iddeċieda li jfittex rimedju quddiem il-Qorti permezz tal-kawża odjerna.

Inoltre, xhur wara li d-dgħajsa kienet ġiet konsenjata lilu, l-attur iffirma ftehim ieħor mal-konvenut Joseph Gauci għan-nom ta' kumpanija estranea għall-proċeduri odjerni fejn mhux talli ma ssemma xejn dwar xi nuqqas ta' kwalita' pattwita bejn il-partijiet jew li kien hemm xi xogħlijiet pendenti fuq id-dgħajsa talli l-attur irrikonoxxa UKOLL u xejn anqas li fir-rigward tad-dgħajsa huwa kien fadallu jħallas is-somma ta' €4620.

Fiċ-ċirkustanzi għalhekk l-unika ħaġa li għal massimu jista' jilmenta dwarha l-attur hija li għamel *deal* ħażin u ċioe' deal li forsi ma rrenditlux il-valur tal-flus li huwa ntrabat li jħallas għad-dgħajsa. Kien pero' obbligu tiegħu li qabel ma jixtri d-dgħajsa huwa jagħmel il-verifiki u l-aċċertamenti kollha neċessarji biex

[29] Fol 104

jevalwa dak li kien ser jixtri u jekk kienx jaqbillu jħallas dawk il-flejjes għal opra tal-baħar li kif kien jaf tajjeb, ma kinitx ġdida.

Huwa inutli li issa l-attur jargumenta li kliem bħal *"tale quale"* u *"sold as shown"* ma jafx xi jfissru u x'inhuma l-implikazzjonjiet tagħhom[30] għax jekk kellu xi dubju dawn l-affarijiet kien imissu rahom u vverifika sew qabel ma xtara mhux wara. Ma kien hemm xejn li jżommu ħlief l-entużjażmu li jakkwista *"boat"*, mill jagħmel fil-ħin opportun id-debita verifikazzjonijiet tiegħu.

In fine, jekk id-dgħajsa llum il-ġurnata ddeterjorat tant ġewwa l-Boatyard , kif anke juru r-ritratti u l-konstatazzjonijiet magħmula mill-espert tal-Qorti l-kaptan Joe Gabriele, dan huwa maġġorment tort in-nuqqas ta' manutenzjoni u tiswijiet fuqha minn naħa tal-attur matul dawn is-snin minn mindu akkwistaha.

**Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel erba' talbiet tal-attur ma ġewx pruvati u għalhekk sejrin jiġu respinti.**

**Il-ħames talba hija** sabiex il-konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €2328.10 bħala spejjeż imħallsa għad-dgħajsa u li skont l-attur għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti jew min minnhom.

Il-Qorti tqis din it-talba bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt. Bħalma rriżulta mill-atti, u b'żieda ma' dak li ngħad fis-suespost, ma rriżulta ebda ftehim li a bażi tiegħu l-attur għandu xi dritt jitlob xi rifużjoni ta' dawn il-ħlasijiet minnu magħmula.

[30] Fol 122

**Il-ħames talba attriċi hija għalhekk miċħuda.**

**Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti sejra tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta.**

Imiss issa tiġi trattata u deċiża **l-kontro-talba mressqa mis-soċjeta' konvenuta**.

It-talba mressqa hija waħda u ċioe' l-kundanna tal-Qorti lill-attur għall-ħlas tal-bilanċ rimanenti dovut fuq id-dgħajsa in kwistjoni għas-somma ta' €4620.

L-attur rikonvenzjonat ressaq eċċezzjoni preliminari permezz ta' liema ssolleva n-nullita' tal-istess kontro-talba stante li fil-fehma tiegħu *"din il-kontro-talba m'hix konnesa mat-talba tal-attur u mhux ġejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnha ġejja t-talba tal-attur."*

Ingħad hekk fil-każ **L-Avukat Dottor Francis Lanfranco vs Francesco Saverio *sive* Frans Cutajar deċiż fid-29 ta' Settembru 2015 -**

*"Ir-rikonvenzjoni hija proċedura speċjali, eċċezzjonali, regolata bl-**Art. 396 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.** L-element essenzjali ta' din il-proċedura hija il-konnessjoni li trid tirriżulta bejn it-talba u l-kontro-talba (continentia causarum). L-iskop tal-proċedura imsemmija hija l-unifikazzjoni ta' żewġ kawżi awtonomi u*

*distinti li altrimenti ikunu jistgħu jinstemgħu kontestwalment u jwasslu għal żewg sentenzi separati minnflok sentenza unika.*

*Skont l-***Artikolu 396 tal-Kap Tnax tal-Liġijiet ta' Malta,** *kontro-talba tista' ssir:-*

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija nfondata.

Kif jirriżulta mill-atti, l-mertu tal-kontro-talba huwa konness mat-talbiet tal-attur in kwantu huwa wkoll marbut mal-kompro-vendita tad-dgħajsa S647. Infatti, filwaqt li fit-talba prinċipali l-attur ressaq pretensjonijiet marbuta ma' l-allegazzjoni li d-dgħajsa msemmija ma kinitx tal-kwalita' pattwita u wkoll sabiex jitlob rifużjoni ta' spejjeż li huwa għamel fuqha, fil-kontro-talba s-soċjeta' konvenuta qegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ allegatament dovut fuq l-istess dgħajsa.

Għalhekk **l-eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat sejra tiġi miċħuda.**

Dwar it-talba tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti jirriżulta mill-provi li fil-ftehim surreferit tat-8 ta' Diċembru 2008[31] l-attur aċċetta li jkompli/jirranġa xi xogħlijiet fil-blokka appartamenti tas-Salini u wkoll li kellu jibda x-xogħlijiet fuq l-appartament fir-raba' sular u l-penthouse ġewwa Buġibba. Il-ftehim kien li *"payment to be partially/fully effected by balance of €4620 still due on boat S647*."

L-attur xehed[32] li hu m'għandu jħallas xejn lis-soċjeta' konvenuta anzi huwa hu li għandu jirċievi ħlas għalkemm ma jafx kemm. Dwar il-ftehim tat-8 ta' Diċembru 2008 filwaqt li kkonferma li l-firma fuq id-dokument hija tiegħu żied jgħid hekk -

*"Dan kien ftehim illi sar wara li giet ghandi d-dghajsa. Ma' dak illi hemm fil-kuntratt a fol hamsa u tletin (35) ma naqbilx. Il-ftehim ma kienx dak li hemm miktub f'dan il-kuntratt. Jiena x-xoghol tal-bini tar-raba' sular u tal-penthouse kellu jibda f'Jannar tal-2009. Gauci kienet għarrfitni pero` illi ma kienx ħareġ il-permess."*

Veronica Gauci għan-nom tas-soċjeta' konvenuta xehdet b'mod mhux kontradett li x-xogħol fuq il-blokka ta' Buġibba baqa' ma sarx u għalhekk il-bilanċ dovut illum lis-soċjeta' msemmija huwa dak indikat fil-ftehim imsemmi[33] .

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti hija sodisfatta li l-kontro-talba ġiet pruvata. Huwa rrilevanti n-nuqqas ta' qbil li issa l-attur qiegħed jesprimi ma' dak li ftiehem dwaru abjad fuq l-iswed fil-kuntratt tat-8 ta' Diċembru 2008. Hu

[31] Fol 35
[32] Fol 122
[33] Fol 135

kkonferma u ntrabat li kien fadallu bilanċ ta' ħlas fuq id-dgħajsa u ġjaladarba ġie muri li x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-blokka ta' Buġibba li miegħu kellu jsir tpaċċija baqa' ma sarx allura l-ħlas tal-bilanċ imsemmi fl-istess ftehim trid issir.

**Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta u għall-istess raġuniijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat sejrin jiġu respinti.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta, tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet imressqa minnha;**

**2. Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur fl-azzjoni prinċipali;**

**3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat;**

**4. Tilqa' l-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat huwa debitur tagħha fl-ammont ta' erbat elef sitt mija u għoxrin Ewro (€4620) rappreżentanti bilanċ dovut fuq il-bejgħ tad-dgħajsa S647 u tikkundanna lill-istess attur sabiex iħallasha s-somma**

**msemmija bl-interessi legali mit-30 ta' Lulju 2008 (data tal-konsenja tad-dgħajsa) sad-data tal-ħlas effettiv.**

**5. Għajr l-ispejjeż marbuta mal-eċċezzjonijiet miċħuda tas-soċjeta' konvenuta fl-azzjoni prinċipali li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjeta' konvenuta stess, il-bqija tal-ispejjeż kemm tal-azzjoni prinċipali u anke tal-kontro-talba għandu jħallashom l-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**